**30 ta' Ġunju, 1964.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., LL.D., B.A., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.,**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Maria Stella Penza et.

versus

Publia Busuttil

**TAXXA TAS-SUĊĊESSJONI — RIFUSJONI TA' — PRESKRIZZJONI. ART. 46 (1) (b) KAP. 70.**

*Għalkemm l-azzjoni tal-Gvern għal-ħlas tat-taxxa tas-suċċessjoni tippreskrivi ruħha fi żmien ta' ħames snin, b'dana kollu l-azzjoni ta' min jħallas dik it-taxxa fl-interess ta' min huwa obbligat għaliha, għaliex jinsab solidalment ko-obbligat għal dak il-ħlas, tippreskrivi ruħha fi żmien ta' tletin sena u mhux ta' ħames snin.*

Il-Qorti, Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-atturi premessa kwalunkwe neċessarja dikjarazzjoni u provvediment opportun; peress li b'kuntratt in atti tan-Nutar Dottor John Micallef Trigona tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru, 1949 l-attur biegħu u ittrasferew lill-Magistrat Dottor Agostino Gauci Maistre żewġ terzi mill-korp ta' beni hemm indikati; peress li sussegwentement in atti tan-Nutar Oscar Azzopardi tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Diċembru, 1949, il-konvenuta biegħet lill-imsemmi Dottor Agostino Gauci Maistre it-terz l-ieħor mill-istess block ta' beni peress li fuq l-ewwel att ta' trasferiment ċioe mill-bejgħ bejn l-atturi u l-Magistrat Dottor Agostino Gauci

Maistre, ġew depositati u sussegwentement imħallsa in linea ta' imposta għat-taxxa tas-suċċessjoni l-impost ta' ħames mitt lira (£500) kif jirriżulta mill-istess kuntratt u dana għall-fini biex jiġi mibjugħ il-korp ta' beni indikati fil-kuntratti fuq imsemmija peress li sussegwentement għal-dan il-pagament da parti tal-atturi, il-konvenuta setgħet teffettwa l-bejgħ, kif effettivament biegħet, il-kwota tagħha minn dan il-korp ta' beni mingħajr ma ħallset xejn in linea ta' imposta u dana billi dak dovut mill-konvenuta ġew imħallsa mill-atturi fl-interess tagħha appuntu biex hi tkun tista titrasferixxi l-kwota tagħha kif intqal fuq; talbu li l-konvenuta tiġi kkundannata tħallas lill-atturi s-somma ta' £166.16.4 għall-kwota tagħha, ċioe terz ta' ħames mitt lira (£500), bħala rifusjoni, għall-impost li l-atturi ħallsu fl-interess tal-konvenuta kif fuq intqal u għal-kwalunkwe kawżali oħra valida fil-liġi; bl-imgħax legali min-notifika ta' l-ittra uffiċjali tat-tletin (30) ta' Jannar, 1957, bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li biha qalet li hija ma għandha tagħti xejn lill-atturi għall-kawżi indikati fiċ-ċitazzjoni u fi kwalunkwe każ teċċepixxi l-preskrizzjoni, b'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-29 ta' Frar, 1964 li biha ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali sollevata mill-konvenuta bl-ispejjeż kontra tagħha u laqgħet it-talba ta' l-atturi bl-ispejjeż ukoll kontra l-konvenuta, wara li kkunsidrat:—

Li l-konvenuta qegħda timpernja d-difisa tagħha fuq żewġ eċċezzjonijiet (1) li hija ma għandha tagħti xejn lill-atturi, u (2) f'kwalunkwe każ il-kreditu tal-atturi huwa milqut bil-preskrizzjoni kwinkwennali:

Li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni bħala perentorja tal-meritu, tista tiġi mogħtija f'kwalunkwe stadju tal-kawża u anki fis-sedi tal-Appell, iżda l-konvenuta opponiet din l-eċċezzjoni fil-bidu tal-kawża, u għalhekk għalkemm il-konvenuta assumiet difiża li ma għandiex tagħti, eppure ma hemm xejn fil-liġi li jipprekludiha milli takkampa anki l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni (Kollez. XXIX, III, 37).

Ikkunsidrat li l-konvenuta fin-nota tar-riljevi tagħti l-motivi li fuqhom qegħda ssostni dina l-eċċezzjoni u ċioe (1) in konsiderazzjoni tal-egħluq ta' ħames snin a tenur tal-art. 4b(1) tal-Ordinanza dwar it-Taxxi tas-Suċċessjonijiet, liema perijodu tirritieni l-konvenuta jibqa inalterat inattes il-fatt li l-kummissarju tat-Taxxi Interni issurroga lill-atturi fid-drittijiet tiegħu in vista tal-pagament imsemmi fiċ-ċitazzjoni.

(2) Li dana l-perijodu jibda jiddekorri, biex jiġi eliminat kull dubju dwar id-data, mid-disgħa u għoxrin (29) ta' April 1950 meta ġiet imħallsa definittivament it-taxxa lill-Gvern u għalhekk il-preskrizzjoni ġiet kompjuta fid-disgħa u għoxrin (29) ta' April, 1955, ċioe ferm qabel l-ittra uffiċjali tal-atturi li ġġib id-data tat-tletin (30) ta' Jannar, 1957;

(3) li ebda prova ma ġiet prodotta mill-atturi ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni ma tul il-perjodu fuq riferit;

Li ma jistgħax ikun hemm kwistjoni li meta l-atturi ħallsu t-taxxa dawna ġew surrogati "to all rights, claims or privileges pertaining to Government so as to obtain reimbursement of the amount paid" (art. 39 Ord. fuq imsemmija Cap. 70 tal-Liġijiet ta' Malta), u għalhekk josservaw l-atturi l-preskrizzjoni ma tibqax dik ta' ħames snin

iżda dik ta' tletin sena, bħal ma hija dik tat-titoli esekutivi kollha.

Li, hawn ninsabu fil-kamp ta' persuna li qegħda tħallas fl-interess ta' ħaddieħor. Infatti l-atturi qegħdin jibbażaw it-talba tagħhom fuq il-fatt li l-konvenuta setgħet taffettwa l-bejgħ, mingħajr ma ħallset xejn, billi l-impost tattaxxa dovuta minnha kien ġie imħallas mill-attur fl-interess tagħha. Ġie inoltri pruvat li l-konvenuta biex jista jiġi effettwat it-trasferiment ta' sehmha tal-beni in kwistjoni ma sborsat ebda somma ta' flus, u li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ippermetta l-bejgħ tal-porzjoni tal-konvenuta, in kwantu kellu f'idejħ somma suffiċjenti depositata mill-atturi, permezz tal-Avukat Giuseppe Pace.

Li l-atturi bħala konsorti u koeredi fil-beni trasferiti kienu tenuti solidalment mal-konvenuta għall-pagament tat-taxxa (art. 35(1) Ord. XVIII, 1918) iżda l-konvenuta tippretendi li la darba l-atturi bħala surrogati tal-Gvern akkwistaw id-drittijiet kollha, lilhom jistgħu jiġu mogħtija l-eċċezzjonijiet kollha kontra l-pagament, kompriża l-preskrizzjoni li setgħet tingħata kontra l-Gvern. Hawn għandu jiġi rilevat li l-Ordinanza fuq ċitata ma tipprovdix fuq il-każi bejn it-terza persuna li tħallas u d-debitur, iżda fuq ir-relazzjonijiet bejn id-debitur u l-Gvern. Li skond l-art. 2263 tal-Kodiċi Ċivili, "il-preskrizzjonijiet imsemmijin fl-artikoli 2252 sat-2262 jistgħu wkoll jiġu eċċepiti kontra dak li jkun ħallas għad-debitur, minn barra minn meta l-ħlas ikun sar fuq talba tad-debitur innifsu, jew bi ftehim mad-debitur innifsu jew meta dak li ħallas kien, bħala pleġġ, jew bħala debitur in solidum, jew għall-raġunijiet oħra obbligat iħallas;" minn dana jidher li terza persuna ma tistax teċċepixxi l-preskrizzjoni meta dak li ħallas (l-atturi) huwa obbligat iħallas jew bħala debitur solidali jew għal raġunijiet oħra, u għalhekk, billi l-atturi bħala

konsorti u koeredi kienu tenuti għall-pagament tat-taxxa solidalment, skond kif ġie ritenut mill-Qrati tagħna fuq l-iskorta ukoll tal-Ġurisprudenza estera, ma tistgħax tingħata kontra tagħhom il-preskrizzjoni ta' ħames snin, iżda dik iżjed twila ta' tletin sena (Kollezz. XXIX, I, 669; XXIV, I, 613); "questo diritto di ripetizione è un diritto ordinario di credito, soggetto percio non alla breve prescrizione di cinque anni, ma alla trentennaria." (App. Perugia, 24 Feb. 1881).

Li għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali mhix applikabbli, iżda dik trigenarja; u ma jirriżultax li ż-żmien allegat mill-konvenuta huwa suffiċjenti biex tista ssostni b'suċċess dina l-eċċezzjoni;

Li l-konvenuta allegat ukoll li m'għanda tagħti xejn lill-atturi; u fix-xhieda tagħha, iddikjarat li s-somma ta' mija u sittin lira sittax il-xelin u erba' soldi (£160.16.4) mitluba mill-atturi kienet ħallsitha permezz ta' binha Frankie Busuttil;

Li dina l-asserzjoni tammonta għall-eċċezzjoni tal-pagament, u għalhekk il-prova tirriverti ruħha fuq min jallega l-pagament. Hawn l-atturi rrelevaw, li b'dina l-eċċezzjoni l-kwistjoni ma baqgħetx eċċezzjoni ta' preskrizzjoni imma saret waħdha ta' pagament. B'dana kollu, il-Qorti hija tal-fehma, li bejn iż-żewġ eċċezzjonijiet ma hemm ebda inkompatibilta u jekk ma tirrisultax l-ewwel waħda ma hemmx raġuni li ma tiġix eżaminata u deċiża t-tieni waħda, li jekk pruvata, għandha l-istess forza perentorja tal-preskrizzjoni (Kollezz. XXX, I, 1964; I, 976; XXXII, I, 690; XXVIII, 297).

Li, l-atturi irnexxilhom jippruvaw li huma sborsaw fl-

interess tal-konvenuta s-somma reklamata fiċ-ċitazzjoni; u dina għalkemm allegat li ħallset permezz ta' binha Frankie Busuttil, anqas ma tellgħatu jixhed, allavolja minn mindu xeħdet sallum għaddew kważi ħames snin u nofs; u ma ġiebet ebda prova oħra, miktuba jew orali ta' dan il-pagament;

Li l-verbal tal-għaxra (10) ta' Ġunju, 1959, sar inutilment, għaliex fil-fatt is-somma mitluba mill-atturi tikkorrispondi preċisament għal dik li f'dak l-istess verbal qegħda tiġi ristretta.

Rat in-nota li biha l-konvenuta appellat minn dik issentenza u l-petizzjoni tagħha li biha talbet li tiġi revokata billi tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali sollevata minnha u billi tiġi miċħuda t-talba ta' l-appellati; u f'każ illi s-sentenza appellata tiġi konfermata in kwantu ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, l-istess sentenza tiġi revokata fil-meritu billi jekk hemm bżonn tiġi dikjarata nulla u inattendibbli in kwantu li l-ewwel Qorti iddeċidiet il-meritu bla ma semgħet il-provi kollha tagħha u bla ma l-kawża kienet qatt differita għassentenza fuq il-meritu, billi wara li din il-Qorti tisma l-istess provi, tiċħad it-talba ta' l-appellati, sa kemm ma jidhriliex li għall-fini tad-doppju eżami, tirrimetti l-atti talkawża lill-ewwel Onorabbli Qorti biex tiddeċiedi l-meritu wara li jinstemgħa il-provi kollha tagħha — bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati.

Rat ir-risposta ta' l-appellati li qalu illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma bl-iżpejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazjoni u ikkunsidrat:—

L-appellanti timpunja s-sentenza appellata tant in kwantu ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata minnha kemm in kwantu laqgħet fil-meritu t-talba ta' l-appellati.

Dwar il-preskrizzjoni l-appellanti tissottometti illi dik eċċepita minnha hi dik kontemplata fl-artikolu 46(1) (b) ta' l-Ordinanza dwar it-taxxa tas-suċċessjoni u għal din il-preskrizzjoni mhux applikabbli d-disposizzjoni ta' l-artikolu 2263 tal-Kodiċi Ċivili li tapplika biss għal-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2252 sa 2262 ta' l-istess Kodiċi. Fi kwalunkwe każ — tkompli tgħid l-appellanti — l-artikolu 2263, għad li jgħid illi l-preskrizzjoni brevi ma tistax tiġi eċċepita kontra l-pagant li jkun hu wkoll obbligat għal-ħlas, ma jindikax liema preskrizzjoni tista tiġi applikata f'dak il-każ. Dak l-artikolu għandu, se mai, ifisser biss illi t-terminu preskrittiv ma jibdiex jiddekorri minn mindu twieldet l-obbligazzjoni oriġinali imma għandu jiddekorri minn mindu t-terz ikun fil-fatt ħallas. Għalhekk — tikkonkludi l-appellanti — billi fil-każ preżenti l-atturi ħallsu definittivament it-taxxa fid-29 ta' April, 1950, il-preskrizzjoni ġiet kompjuta fid-29 ta' April, 1955 ċioe qabel l-ittra uffiċjali tagħhom tat-30 ta' Jannar, 1957.

Kif ġa rrilevat l-ewwel Onorabbli Qorti il-kwistjoni involuta mhux ġdida għal-kollox għal-ġurisprudenza tagħna. Din il-Qorti ġja kellha l-okkażjoni li tippronunzja ruħha fuqha fil-kawża "Kanoniku Farrugia, noe versus Faustina Ellul" (Vol. XXIX, I, 669) fejn ġie ritenut illi, għalkemm l-azzjoni tal-Gvern għal-ħlas tat-taxxa tas-suċċessjoni tippreskrivi ruħha fiż-żmien ta' ħames snin fil-każijiet kontemplati fl-art. 46(1)(b) tal-Kapitolu 70, b'dana kollu l-azzjoni ta' min iħallas dik it-taxxa fl-interess ta minn huwa obbligat għaliha. għaliex jinsab solidalment

ko-obbligat għal dak il-ħlas, tippreskrivi ruħha fiż-żmien ta' tletin sena u mhux ta' ħames snin.

Ir-raġuni hija illi, għalkemm minn iħallas għal ħaddieħor bħala ko-obbligat jiġi surrogat fid-drittijiet, azzjonijiet u privileġġi tal-Gvern biex jottjeni r-rimbors skond l-artikolu 39 ta' dik il-liġi, dana ma jfissirx illi kontra tiegħu tista tiġi opposta l-istess preskrizzjoni li kienet tkun tista tiġi opposta lill-Gvern. Il-preskrizzjoni stabbilita fl-imsemmija disposizzjoni ta' l-art. 46 (1) (b) ta' dik il-liġi tirrigwarda r-relazzjoni bejn id-debitur tat-taxxa u l-Gvern, u ma tistax, mingħajr disposizzjoni espressa tal-liġi, tiġi estiża għar-relazzjoni bejn id-debitur u t-terza persuna li tkun ħallset għalih. Din ir-relazzjoni, għalhekk, fin nuqqas ta' disposizzjoni li tapplika għaliha fil-liġi speċjali, għanda tkun regolata skond il-liġi ġenerali. Issa l-artiklu 2263 tal-Kodiċi Ċivili jgħid illi il-preskrizzjonijiet qosra msemmijin fl-artikolu 2252-2262 ma jistgħux jiġu eċċepiti kontra min ikun ħallas għad-debitur jekk, fost każijiet oħra, dak li ħallas kien bħala debitur solidali jew xort'oħra obbligat għal-ħlas. Kwindi l-preskrizzjoni applikabbli f'każ simili hi dik ta' 30 sena.

Il-preskrizzjoni hi ta' 30 sena, mhux, bir-rispett kollu, għar-raġuni mogħtija mil-Qorti ta' l-Appell ta' Perugia ċitata fis-sentenza fuq imsemmija ta' din il-Qorti u tas-sentenza issa appellata, fis-sens illi d-dritt għar-repetizzjoni "è un diritto ordinario di credito, soggetto perciò non alla breve prescrizione di cinque anni, ma alla trigenaria." Din ir-raġuni kienet valida fil-liġi Taljana fejn il-preskrizzjoni ta' 5 snin ma kienetx tapplika għal-drittijiet ordinarji ta' kreditu diversi mill-ħlasijiet perjodiċi kontemplati fl-artikolu 2144 tal-Kodiċi Taljan. Inveċe fil-liġi tagħna fl-artikolu 2261 li jikkontempla il-preskrizzjoni kwinkwennali,

hemm il-paragrafu (f) li jagħmel dik il-preskrizzjoni applikabbli għall-kull-kreditu minn operazzjonijiet kummerċjali, jew minn kawża oħra ammenoke mhux kolpit minn preskrizzjoni aqsar jew ma jirrisultax minn att pubbliku. Fil-liġi tagħna, għalhekk, "dritt ordinarju ta' kreditu" hu normalment preskrivibbli fi żmien ħames snin. Jekk fil-każ preżenti, il-preskrizzjoni applikabbli hi dik ta' 30 sena, dan hu għalicx fil-liġi tagħna hemm l-imsemmi artikolu 2263 li bħalu ma jidhirx li hemm fil-liġi taljana li jgħid illi il-preskrizzjonijiet qosra, inkluża dik ta' ħames snin, mhumiex eċċepibbli kontra min ħallas għad-debitur, għax obbligat.

Għalhekk l-aggravji ta' l-appellanti fuq dan il-kap tas-sentenza appellata ma jistgħux jiġu milqugħa. Fir-raġjonament tal-Qorti kif espost hawn fuq, l-artikolu 2263 tal-Kodiċi Ċivili mhux qed jiġi applikat għal-preskrizzjoni kontemplata fil-liġi dwar it-Taxxa tas-Suċċessjoni: infatti l-Qorti qegħda tirritieni illi dik il-preskrizzjoni li tirrigwarda l-Gvern mhiex applikabbli għal-kreditu ta' l-appellati kontra l-appellanti. Applikabbli, inveċe, għal dan il-kreditu huma d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili. Dan vwoldiri illi, ġia la darba l-appellanti ħallset lill-Gvern għax solidalment koobligata, allura l-preskrizzjoni ta' ħames snin kontemplata fl-artikolu 2261(f) li altrimenti setgħet kienet eċċepibbli skond l-ewwel parti ta' l-art. 2263, hi, fiċ-ċirkostanzi, eskluża bit-tieni parti ta' dak l-artikolu.

Għar-riljev ta' l-appellanti fis-sens illi t-tieni parti ta' l-artikolu 2263 ma tindikax liema preskrizzjoni hi applikabbli fil-każijiet hemm kontemplati, ir-risposta s'intendi hi illi, ġja la darba m'humiex applikabbli l-preskrizzjonijiet qosra, u m'hemm ebda preskrizzjoni oħra speċifikament applikabbli, bil-fors illi il-preskrizzjoni applikabbli hi dik li

in ġenerali tolqot l-azzjonijiet kollha, ċioe dik ta' 30 sena, imsemmija fl-artikolu 2248 tal-Kodiċi.

Din l-osservazzjoni tirrispondi wkoll, fil-fehma tal-Qorti, għar-riljev l-ieħor ta' l-appellanti fis-sens illi l-artikolu 2263 ifisser biss illi ż-żmien tal-preskrizzjoni jibda jiddikorri minn meta t-terz ikun effettivament ħallas. Dina mhux dak li jgħid u jiddisponi dak il-artikolu fit-tieni parti tiegħu. Dak li jgħid u jiddisponi hu, inveċe, illi meta l-ħlas lill-kreditur ikun sar (dejjem fost każijiet oħra) minn minn ikun ko-obligat mad-debitur, il-preskrizzjonijiet qosra ma jistgħux jiġu sollevati kontra minn hekk ħallas. U la dawk il-preskrizzjonijiet m'humiex applikabbli, tibqa biss il-preskrizzjoni ta' 30 sena, kif intqal.

Kwantu għall-kap tas-sentenza appellata li bih it-talba ta' l-appellati ġiet akkolta fil-meritu, l-appellanti tilmenta illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma setgħatx tiddeċiedi l-meritu mingħajr ma tagħtiha l-opportunita li tipproduċi l-provi kollha tagħha. Għad illi, in un primo tempo l-appellanti kienet talbet li tixhed u ddikjarat li, għall-mument ma tinsistix li tingħata sentenza fuq il-preskrizzjoni biex il-partijiet jaraw jistgħux jittransiġu, iktar tard, meta t-trattativi għal ftehim sfrattaw, l-appellanti talbet deċiżjoni fuq dik l-eċċezzjoni u għalhekk ma komplietx tipproduċi l-provi tagħha fuq il-ħlas. Anki n-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħha espressament ġiet limitata, kif ingħad fl-ewwel paragrafu tagħha, għal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Eventwalment, "L-avvukati tal-kontendenti iddikjaraw li ma għandhomx provi oħra dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta" u l-kawża baqgħet differita għad-29 ta' Frar 1964 "għas-sentenza f'nuqqas ta' ostakolu fuq din l-eċċezzjoni."

Minn dana jidher illi l-ilment ta' l-appellanti fuq dan

il-kap hu fondat. Fiċ-ċirkostanzi fuq imsemmija, il-kawża ma setgħatx tiġi deċiża wkoll fil-meritu mingħajr ma jinstemgħu l-provi li l-appellanti kienet irriservat li tipproduċi — u kienet iddikjarat mill-bidu — wara, u fil-każ li tkun kontra tagħha, d-deċiżjoni fuq il-preskrizzjoni.

Iżda dan id-difett li dwaru l-appellanti talbet l-annullament tat-tieni kap tas-sentenza appellata, issa ġie rimedjat billi din il-Qorti awtorizzat lill-appellanti li tipproduċi l-provi tagħha quddiemha.

Dawn il-provi jikkonsistu prinċipalment fix-xhieda ta' bin l-appellanti, Frank Busuttil, li xehed li hu jieħu ħsieb l-affarijiet ta' l-appellanti u li, xi żmien wara li sar il-bejgħ lill-Magistrat (Illum Imħallef) Gauci Maistre, hu ħallas is-sehem tagħha mill-£500 in kwistjoni lill-appellat Carmelo Penza in kontanti fl-uffiċċju u fil-presenza ta' l-Avvukat Dottor Giuseppe Pace. Qabel hu kien mar bil-flus fid-dar ta' Penza biex dan jispjegalu sewwa kif kienu dovuti. Iżda mbagħad marru għand Dottor Pace. Irċevuta mingħand Penza għal-dak il-pagament hu ma ħax għaliex, kif hu spjega, bejnithom ma kienux ifittxu, iżda meta dak inhar tal-ħlas, hu rritorna d-dar hu qal lill-appellanti fil-presenza ta' Carmelo Barbara, ħatnu, illi hu kien ħallas.

L-appellanti ikkonfermat illi għall-ħabta ta' l-1950, darba tat il-flus lill-binha biex biehom iħallas il-flus li kienu ħarġulhom l-appellati u binha qalilha li kien sejjer għand l-Avukat Pace u meta ġie lura staqsietu jekk kienux tawh irċevuta u hu bil kemm ba ħadiex magħha għaliex qal illi maż-żiju (ċioe mal-appellat Penza) mhux ser joqgħodu jfittxu. Hi ma ftakretx is-somma imma mingħaliha "kienu mijjiet".

Carmelo Barbara wkoll qal illi darba bejn il-21 ta' Set-

tembru 1949 u qabel Mejju, 1950 hu kien id-dar ta' l-appellanti, ġie Frank Busuttil u l-appellanti staqsiethu jekk kienx kollox sewwa u hu qalilha "iva". Imbagħad hi staqsiethu jekk kienx tah irċevuta u hu beda joħodha magħha. Hu ma jafx fuq liema pagament partikolari kien id-diskors: quddiemu ma ssemmitx somma u l-anqas ma issemma min ħareġ il-flus u anqas jaf fuq hiex preċiżament, semagħhom isemmu iz-ziju, kuntratti u Dr. Pace.

Dr. Giuseppe Pace qal illi l-partijiet kienu ta' sikwit imorru l-uffiċju tiegħu iżda minħabba li għadda ħafna żmien ma jistax jiftakar f'xi okkazjoni partikolari meta Frank Busuttil ħallas quddiemu, kif qal Busuttil, lil Carmelo Penza is-sehem in kwistjoni. Dan — qal Dr. Pace — ma jfissirx illi l-pagament setgħa anki sar:— iżda jfisser li hu ma jiftakarx.

Dawn huma l-provi ta' l-appellanti: mill-bqija mid-dokumenti eżibiti ma jirriżulta xejn li jista jitfa dawl fuq il-kwistjoni partikolari.

Ċertament dawn m'humiex provi ta' min jittraskurhom. B'dana kollu hemm ukoll fihom xi detallji, li jidhru żagħar. li jista jkollhom l-importanza tagħhom. Per eżempju:— Frank Busuttil qal illi l-flus ommu tagħthomlu meta l-ewwel darba mar biex iħallas lill-Penza d-dar tiegħu u kien "eventwalment" li marru għand Dr. Pace: L-appellant qalet li meta tat il-flus lil-binha hu qalilha "li kien sejjer għand Dr. Pace."

Meta xehdet l-ewwel darba l-appellanti qalet biss illi il-flus ħallashom binha Frankie Busuttil "u hu qallha li ħallashom u sa fejn taf hi ħallashom" iżda hi personalment ma taf xejn għax ħalliet kollox f'idejh. Hi ma semmitx id-dettalji li issa tat quddiem din il-Qorti,

Fi kwalunkwe każ ix-xhieda verament rilevanti tibqa dejjem dik ħiss ta' Frankie Busuttil.

Issa kontra tagħha hemm ix-xhieda ta' l-appellat Penza li kategorikament innega illi Frankie Busuttil ħallsu s-somma in kwistjoni. Kif Frankie Busuttil jidher li hu indirettament korroborat mill-appellant u Carmelo Barbara, Carmelo Penza jidher li hu korroborat indirettament minn martu li xehdet illi bejnithom ġie li semmew li riedu jieħdu ħsieb jiġbru dawn il-flus imbagħad ittraskuraw, u speċċat qalet "jiena nista ngħid li aħna qatt ma daħħalna mingħand l-appellanti jew xi ħaddieħor għaliha s-somma in kwistjoni u l-anqas qatt żewġhi ma qalli illi huma kienu ħallsu din is-somma. Frank Busuttil, it-tifel ta' l-appellanti, qatt ma ġie d-dar iħallas din is-somma."

F'dan il-konflitt il-Qorti ma tħossx li jista jingħad illi l-appellanti għamlet sodisfaċentement il-prova tal-pagament li, indubbjament, kienet tmiss lilha. Il-Qorti mhiex mfixkla mill-fatt illi l-appellanti ma għandiex riċevuta, għaliex mill-provi jidher illi bejn il-partijiet kien hemm, fiż-żmien rilevanti, fiduċja reċiproka u kienu jsiru ħlasijiet bejnithom bla ma jintalbu jew jingħataw riċevuti. Iżda xorta waħda, anki jekk mhux b'irċevuta, kien dmir ta' l-appellanti li tipprova l-pagament b'mod li ma jħallix dubbju fil-Qorti. Waqt it-trattazzjoni l-avvukat ta' l-appellati irrileva ukoll illi fid-dikjarazzjoni tagħha man-nota tal-eċċezzjonijiet l-appellanti ma ippretenditx, dak li qegħda tippretendi issa illi l-pagament sar **lill-Carmelo Penza**, iżda ppretendiet illi t-taxxa **lill-Gvern** kienet tħallset minn **Dottor Pace** "bi flus li kkonsenjalu għan-nom tagħha **Frank Busuttil** kif għal bżonn jiġi pruvat: u anqas meta xehdet, ma semmiet b'ebda mod illi binha ħallas il-flus **lill-Carmelo Penza**.

Favur l-appellanti hemm il-fatt illi l-appellati ħallew ħafna snin jgħaddu qabel ma talbu l-ħlas. Iżda dan fih innifsu mhux direttament rilevanti, ħlief in kwantu setgħa jgħati lok għal preskrizzjoni li f'dan il-każ ma hemmx. L-ispjegazzjonijiet li taw l-appellati ta' dan id-dewmien jidhru konsistenti mar-relazzjonijiet tajba li kien hemm bejn il-partijiet: jew għall-inqas ma jidhrux talment inkonsistenti maċ-ċirkostanzi kollha tal-każ li jinnewtralizzaw iddubju mħolli mill-provi ta' l-appellanti, fid-dawl speċjalment taċ-ċaħda kategorika ta' l-appellat.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u, fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, tikkonferma s-sentenza appellata fiż-żewġ kapi tagħha, bl-ispejjeż ta' l-appell kontra l-appellanti ħlief dawk inkorsi biex ittieħdet ix-xhieda ta' l-appellata permezz ta' l-Imħallef Supplenti li jbatuhom l-appellati.